



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

10080/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0180(NLE)**

**ACP 76
FIN 651
PTOM 7**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Ġunju 2022
lil:	Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 265 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li jridu jiġihallu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż it-tieni fhas parzjali għall-2022

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 265 final.

Mehmuż: COM(2022) 265 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.6.2022
COM(2022) 265 final

2022/0180 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li jridu jitħallsu mill-partijiet għall-Fond
Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż it-tieni ħlas parzjali għall-2022**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-proposta tikkonċerna abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tieni pagament parzjali tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp li jridu jitħallsu mill-partijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp ('FEŻ') fl-2022.

Il-11-il FEŻ u fondi oħra tal-FEŻ li għadhom miftuħin (jiġifieri d-Disa' u l-10ar FEŻ) huma ġestiti skont il-ġabra ta' regoli li ġejja:

- (a) il-Ftehim ta' Sħubija attwali bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) fuq naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fuq in-naħa l-oħra ('il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE') kif emendat l-aħhar¹;
- (b) Id-Deċiżjoni Nru 2/2020² tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tal-4 ta' Diċembru 2020 li temenda d-Deċiżjoni Nru 3/2019³ li tadotta miżuri tranżizzjonali skont l-Artikolu 95(4) tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE għal estensjoni oħra tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE sat-30 ta' Novembru 2021, jew sad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim AKP-UE ('il-Ftehim Ġdid) ġdid jew sal-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim il-ġdid bejn l-Unjoni u l-Istati AKP, skont liema tiġi l-ewwel;
- (c) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2233 dwar l-impenn tal-fondi li jirriżultaw mir-rimborżi taħt il-Faċilità ta' Investiment tal-AKP minn operazzjonijiet taħt id-9a', l-10ar u l-11ax-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp⁴;
- (d) Il-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajjuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-ftehim ta' sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea⁵ (il-'Ftehim Intern' tal-11-il FEŻ);
- (e) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp⁶ ('ir-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ').

Id-dokumenti msemmij fil-punti (a) sa (e) jinkludu impenji pluriennali mill-partijiet tal-FEŻ biex jappoġġjaw finanzjarjament it-teżor tal-FEŻ. Ir-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ jipprevedi li jsiru kontribuzzjonijiet regolari mill-partijiet għall-FEŻ u għat-teżor tal-FEŻ skont impenji finanzjarji determinati minn qabel. Il-kontribuzzjonijiet regolari jiskattaw minn Deċiżjonijiet tekniċi tal-Kunsill li jirriflettu l-implimentazzjoni ta' impenji finanzjarji deċiżi minn qabel.

Għaldaqstant, uħud mill-intestaturi fil-memorandum ta' spjegazzjoni mhumiex applikabbli għal sejħiet regolari għall-kontribuzzjonijiet, bħalma hi din.

¹ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3

² ĠU L 420, 14.12.2020, p.32

³ ĠU L 1, 3.1.2020, p.3

⁴ ĠU L 437, 28.12.2020, p.188-191

⁵ ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1

⁶ ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1-21

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

F'konformità mal-Artikolu 19(3) tar-Regolament Finanzjarju tal-Illax-il FEŻ, il-Kunsill irid jiddeċiedi dwar din il-proposta mhux aktar tard minn 21 jum kalendarju wara li l-Kummissjoni Ewropea, li tagħxi f'isem l-Unjoni Ewropea, tippreżenta din il-proposta.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li jridu jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż it-tieni ħlas parzjali għall-2022

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-pajjiżi u territorji extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea⁷ u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) flimkien mal-Artikolu 14(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877⁸ tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323⁹, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) F'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikoli 19 sa 22 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877, il-Kummissjoni Ewropea għandha tippreżenta proposta sal-15 ta' Ġunju 2022 li tispjefika l-ammont tat-tieni ħlas parzjali tal-kontribuzzjoni għall-2022 u ammont annwali rivedut tal-kontribuzzjoni għall-2022, fejn l-ammont ivarja mill-bżonnijiet reali.
- (2) Skont l-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2018/1877, il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) se jibgħat lill-Kummissjoni l-estimi aġġornati tiegħu tal-impenji u l-pagamenti fl-istrumenti li jimmaniġġa.
- (3) Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2018/1877 l-ewwel is-sejthiet għal kontribuzzjonijiet għandhom jeżawrixxu l-ammonti previsti fil-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp preċedenti ("FEŻ"). Għaldaqstant jenħtieġ li ssir sejħa għall-fondi skont ir-Regolament (UE) 2018/1877 għall-BEI u għall-Kummissjoni.
- (4) Skont l-Artikoli 152 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-ftehim dwar il-ħruġ"), ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") għandu jibqa' Parti għall-FEŻ sal-egħluq tal-11-il FEŻ u ta' kull FEŻ preċedenti mhux magħluq. Madankollu, skont l-Artikolu 153 tal-ftehim dwar il-ħruġ,

⁷ ĠU L 210, 6.8.2013, p.1

⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323 (ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1.)

⁹ ĠU L 58, 3.3.2015, p.17-38

is-sehem tar-Renju Unit f'fondi diżimpenjati minn proġetti fl-ambitu tal-11-il FEŻ, meta dawk il-fondi jkunu ġew diżimpenjati wara l-31 ta' Diċembru 2020, jew FEŻ preċedenti, ma għandux jerġa' jintuża.

- (5) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1941¹⁰ tistabbilixxi l-ammont annwali tal-kontribuzzjoni li għandu jitħallas mill-partijiet għall-FEŻ għall-2022 għal EUR 2 500 000 000¹¹ għall-Kummissjoni Ewropea, u għal EUR 300 000 000 għall-Bank Ewropew tal-Investiment.
- (6) Sabiex il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni jkunu jistgħu jiġu applikati minnufih, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-kontribuzzjonijiet individwali tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, bħala t-tieni pagament parzjali għall-2022, għandhom jitħallsu mill-parteċipanti fil-Fond Ewropew għall-Iżvilupp lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Bank Ewropew tal-Investiment, skont l-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

¹⁰ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1941 tad-9 ta' Novembru 2021 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament ta' dak il-Fond, li jinkludi l-limitu massimu għall-2023, l-ammont annwali għall-2022, l-ammont tal-ewwel pagament parzjali għall-2022 u previżjoni indikattiva u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2024 u 2025 (ĠU L 396, 10.11.2021, p. 61).

¹¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323 (ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1.) Artikolu 20(5): "Meta jiġi applikat imgħax negattiv għall-kont imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru kkonċernat għandu, mhux aktar tard mid-data tal-ħlas ta' kull pagament imsemmi fl-Artikolu 19, jikkredita l-kont b'ammont li jikkorrispondi għall-ammont ta' tali mgħax negattiv applikat sal-ewwel jum tax-xahar li jiġi qabel il-ħlas tal-pagament."